



## TESTI ADOTTATI

### **P10\_TA(2025)0318**

#### **Emenda tad-Direttiva dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim tal-konsumaturi**

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2025 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2013/11/UE dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda d-Direttivi (UE) 2015/2302, (UE) 2019/2161 u (UE) 2020/1828 wara l-waqfien tal-Pjattaforma Ewropea għas-Soluzzjoni Online għat-Tilwim (11778/1/2025 - C10-0309/2025 - 2023/0376(COD))**

**(Proċedura legizlattiva ordinarja: it-tieni qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (11778/1/2025 - C10-0309/2025),
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Frar 2024<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari<sup>2</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0649),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

<sup>1</sup> ĠU C, C/2024/2482, 23.4.2024, ELI:  
<http://data.europa.eu/eli/C/2024/2482/oj>.

<sup>2</sup> ĠU C, C/2025/1028, 27.2.2025, ELI:  
<http://data.europa.eu/eli/C/2025/1028/oj>.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 68 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A10-0249/2025),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
  2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.